



Ġabra tal-ġurisprudenza

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tal-21 ta' Mejju 2015 —

Slovenská autobusová doprava Trnava

(Kawża C-318/14)¹

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja — Artikoli 49 TFUE u 52 TFUE — Libertà ta' stabbiliment — Regolament (KE) Nru 1370/2007 — Trasport pubbliku bil-ferrovija u bit-triq — Trasport b'xarabank fuq il-linji urbani tat-trasport pubbliku — Trasportatur li jkollu l-uffiċċju rreġistrat tiegħu fi Stat Membru ieħor u li jopera permezz ta' fergħa — Obbligu li tinkiseb awtorizzazzjoni speċjali — Setgħa diskrezzjonali tal-awtorità kompetenti — Kuntratt ta' servizz pubbliku”

Libertà ta' stabbiliment — Restrizzjonijiet — Eżerċizzju ta' attività ta' trasport kollettiv urban bit-triq fit-territorju ta' Stat Membru — Leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi fuq it-trasportaturi barranin biss, li jkollhom fergħa f'dan l-Istat Membru, l-obbligu li jiksibu awtorizzazzjoni speċjali maħruġa b'mod diskrezzjonali mill-awtoritajiet kompetenti — Inammissibbiltà — Ġustifikazzjoni — Assenza (Artikolu 49 TFUE) (ara l-punti 37-42, 44, 47, 48-50, 53, u d-dispożittiv)

Dispożittiv

L-Artikolu 49 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li timponi fuq it-trasportaturi barranin biss, li jkollhom fergħa f'dan l-Istat Membru, l-obbligu li jiksibu awtorizzazzjoni speċjali maħruġa b'mod diskrezzjonali mill-awtoritajiet kompetenti, sabiex jeżerċitaw attività ta' trasport kollettiv urban bit-triq fit-territorju ta' dan l-Istat Membru biss.

¹ — ĠU C 351, 6.10.2014.